**30 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Clive Simpson

*versus*

Alice Micallef

**Dota — Dekadenza — Leġittimu kontradittur — Art. 34, 158, 1292 (1) u 1386 (1), Kodiċi Ċivili — Art. 782 (c), Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-oppożizzjoni għaż-żwieġ għall-finijiet tad-dekadenza mid-dritt għad-dota jkollha effett biss jekk issir b'att ġudizzjarju fi żmien sitt xhur mit-tieġ, liema att ġudizzjarju għandu jiġi notifikat lil kull waħda mill-persuni li jkollhom il-ħsieb li jiżżewġu.*

*Mhux meħtieġ illi l-imsemmi att ġudizzjarju jiġi notifikat qabel iż-żwieġ.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni — billi l-konvenuta, bint minorenni tal-attur, telqet mid-dar waqt li l-attur kien għax-xogħol u ad insaputa tiegħu, mingħajr ma ħallitlu ebdainformazzjoni; billi meta sar jaf li l-konvenuta telqet mid-dar (fil-15 ta' Mejju, 1964), l-attur irrapporta dak li kien ġara lil Pulizija u talab l-assistenza tagħhom biex isibu fejn kienet marret il-konvenuta; u għalkemm għamel kull ma seta' ma irnexxilux isib fejn kienet il-konvenuta; illi fl-4 ta' Ġunju, 1964, l-attur irċeva telefonata mingħand "reporter" ta' ġurnal li infurmah li dik inhar stess il-konvenuta bintu, kienet iżżewġet ma' ċertu Michael Micallef;

billi, wara verifiki li għamel immedjament wara li rċieva l-imsemmija telefonata, l-attur sar jaf li verament il-konvenuta kienet iżżewġet u li ż-żwieġ tagħha' kien sar bid-dispensa tat-*tnidijiet*, talab illi, għar-raġunijiet premessi kif ukoll imħabba l-mezzi u kondotta tal-imsemmi Michael Micallef u għar-raġunijiet oħra li jiġu pruvati fit-trattazzjoni tal-kawża, l-attur jiġi dikjarat meħlus mill-obbligi tad-dota u manteniment lejn il-konvenuta bintu, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

*Omissis.*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta illi biha tgħid li l-ġudizzju mhux integru peress illi l-attur kien imissu ħarrek lir-raġel tal-konvenuta bħala amministratur tal-beni parafernali; illi, bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet ta' l-attur kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi l-attur kien jaf illi t-tifla tiegħu Alice riedet tiżżewweġ lill-imsemmi Michael Micallef, illum żewġha, u ma kien hemm ebda raġuni ġusta għaliex dan iż-żwieġ ma kellux isehh; illi l-konvenuta kienet ġiet kostretta *titlaq mid-dar ta'* l-attur imħabba swat inġust u moħqrija da parti tal-membri kollha tal-familja ta' l-attur;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-azzjoni tal-attur hija bażata fuq l-artikolu 34 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi: "L-obbligu ta' kull persuna lejn l-oħra għall-manteniment, u l-obbligu tal-ġenituri jew tan-nannu li jiddotaw lil binthom lil bint uliedhom, jispiċċa, jekk il-persuna li favur tagħha l-obbligu 'l wieħed jew l-ieħor, jew iż-żewġ obbligi huma stabiliti; tiżżewweġ kontra r-rieda tal-persuna li jkollha dak l-obbligu jew dawk l-obbligi; iżda dan kemm-il darba dina l-oppożizzjoni tkun saret għal raġunijiet tajba u t-

talba għall-ħelsien mill-obbligu jew mill-obbligi hawn fuq imsemmija, issir mill-persuna li tagħmel dik l-oppożizzjoni fiż-żmien sitt xhur mit-tieġ; dina l-oppożizzjoni jkollha effett biss jekk issir b'att ġudizzjarju, li għandu jiġi notifikat lil kull waħda mill-persuni li jkollhom il-ħsieb li jiżżewġu" eċċ.

Li, in vista ta' dak li huwa dispost fl-artikolu premess il-konvenuta eċċepiet li l-ġudizzju mhux integru peress li l-attur messu ħarrek lil raġel tal-konvenuta bħala amministratur tal-beni parafernali.

Ikkunsidrat:

Li qabel xejn, għandu jingħad li l-kwalità ta' raġel tal-konvenuta ġiet indikata ħażin, għaliex dina hija kawża fejn jistgħu jkunu involuti biss il-beni dotali tal-konvenuta, u dawna bħala tali, huma espressament distinti mill-beni parafernali b'dispożizzjoni tal-liġi (art. 1386 (1) Kod. Ċiv. Kollez. XXIX, iii, 50). Għalhekk għall-fini ta' dina l-azzjoni r-raġel tal-konvenuta għandu jiġi kunsidrat bħala amministratur tal-beni dotali ta' martu. Għalhekk in vista tal-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta, jista' jingħad li dina l-azzjoni hija proposta sewwa, meta ma tiġix rivolta wkoll kontra r-raġel tal-konvenuta? Skond il-fehma ta' dina l-Qorti, ir-risposta m'għandhiex tkun ħlief negativa. Infatti, dina l-azzjoni għandha tkun istitwita kontra l-leġittimi kontradittturi, bħala kwalunkwe azzjoni oħra, u fil-każ il-leġittimi kontradittturi huma l-istess persuni li jinsabu indikati fl-art. 34 (2) ġa fuq ċitat, meta jgħid li l-oppożizzjoni m'għandhiex effett jekk ma ssirx permezz ta' att ġudizzjarju, li għandu jiġi notifikat lil kull waħda mill-persuni li jkollhom il-ħsieb li jiżżewġu (Kollez. XV, 28, 29; 102 XVI, ii, 130).

Ikkunsidrat:

Li ma jidhirx li għandha treġi l-obbjezzjoni li dina d-dispożizzjoni tirriferixxi ruħha għall-att ġudizzjarju li għandu jiġi notifikat qabel iż-żwieġ, għaliex l-istess "ratio legis", timmulita favur it-talba li għandha tiġi istitwita fis-sitt xhur suċċessivi. "Ubi cadem est ratio legis, eadem est euis dispositio", li hija l-fundament tal-interpretazzjoni loġika estensiva. A propositu jikteb Pacifici-Mazzoni: "L'interpretazione logica... può essere estensiva o restrittiva, potendo mirare ad estendere o restringere l'applicazione della legge...... Il fondamento dell'interpretazione estensiva è riposto nel principio suddetto, dovendo la legge applicarsi a tutti i casi i quali, se non indica nella sua lettera, comprende però virtualmente nel suo spirito. Dall'altro canto, non avendo gli esempi espressi nella legge l'ufficio di restringere ma soltanto di spiegarne il significato ("Exemplar non arctant regulam" non è, almeno necessariamente, estensiva l'applicazione che se ne faccia agli altri casi" (Istituzioni, Vol: I, n. 19 paġ. 45).

Ikkunsidrat:

Li d-dota, għalkemm kostitwita favur il-mara, tiġi konsenjata lil żewġha (Kollez. XI, 156) u l-obbligazzjoni tal-attur li jiddota lill-bintu jitwieled indipendentement minn kwalunkwe promessa "perchè trae origine non dal suo concenso ma dalla legge" (Kollez. XXVIII, ii, 358). Dana jsir għax ir-raġel għandu fuq id-dota poteri importanti u f'ċerti każi, anki domenikali, għaliex skond l-art. 1303 tal-Kodiċi Ċivili:

1) Huwa biss għandu l-amministrazzjoni tad-dota;

2) Huwa biss għandu d-dritt li jdaħħal il-frottijiet u l-imgħax;

3) Huwa biss għandu d-dritt li jesiġi r-restituzzjoni tal-kapitali;

4) Huwa biss għandu d-dritt jaġixxi kontra d-debituri tal-beni dotali (mhux biss dawk li huma prekarji, inkwilini u enfitewti) iżda anki kontra d-detenturi a nom tagħhom proprju, possessuri animo domini, u dana permezz tal-azzjoni ipotekarja.

5) Għaliex sakemm tkun għadha sseħħ il-komunjoni jaqgħu taħt it-treġija tiegħu anki l-beni dotali u dawk extra dotali (għax bla kitba taż-żwieġ) tal-mara (Kollez. XXXVI, i, 212).

Li, għalhekk, il-mara waħidha ma tistax tirċievi d-dota, għaliex dana huwa poter riservat lil raġel. Infatti skond iddefinizzjoni tal-liġi, id-dota tikkonsisti f'dawk il-ħwejjeġ illi lmara tagħti lir-raġel biex isostni l-piżijiet taż-żwieġ (art. 1292 (1) Kod. Ċiv).

Ikkunsidrat:

Li, inoltri, wieħed mill-effetti ta' dina l-azzjoni, hija ċċessazzjoni tal-obbligu tal-manteniment anki fil-konfront tarraġel u tat-tfal li jitwieldu minn dana ż-żwieġ, li mhumiex fil-kawża, u jistgħu jkunu biss fiha fil-persuna tar-raġel li huwa missierhom (art. 158 Kod. Ċiv.).

Ikkunsidrat:

Li skond l-art. 782 (c) tal-Proċedura Ċivili, mhumiex kapaċi biex joqgħodu f'kawża bħala atturi jew bħala konvenut il-persuni furjusi jew moħħhom marid, u kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża ħlief fil-persuna ta' dak li skond il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni, jew ta' "kuratur ad litem".

Li, għalhekk il-preżenza f'dina l-kawża tar-raġel tal-konvenuta, Michael Micallef, kienet meħtieġa sa mill-bidu nett, u prinċipalment għal dak li jirrigwarda d-drittijiet dotali ta' martu u l-alimenti ta' wliedu li jitwieldu miż-żwieġ, għal liema drittijiet il-konvenuta m'għandhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera, billi dawna d-drittijiet jinsabu investiti fil-persuna ta' żewġha.

Ikkunsidrat:

Li ebda talba ma ġiet inoltrata mill-attur għal kjamata in kawża tal-imsemmi Michael Micallef jew għal korrezzjoni tal-att taċ-ċitazzjoni u dina l-Qorti in vista taċ-ċirkustanzi fuq enunċjati, u anki tal-fatt li l-preżenza fil-kawża ta' żwieġ il-konvenuta kienet indispensabbli u magħrufa mill-bidu, ma tħoss li għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li tordna l-kjamata fil-kawża jew il-korrezzjoni tal-att taċ-ċitazzjoni "ex officio" hi preġudizzju tal-eċċezzjoni tal-konvenuta, li f'kawża simili, hija ġustifikata li tappiglia ruħha għal kwalunkwe rimedju "onde evitare la inflezione di una pena così dura, quale è la privazione perpetua degli alimenti; la minima scusa sarebbe sufficiente, e in caso di dubbio si deve pronunciare per colui che ha in suo favore la legge naturale e civile" (Cremona: Gurisp. sul Codice Civile, art. 33, "Delle persone" Ord. I, 1873 paġ. 230, illum art. 34 tal-Kodiċi Ċivili).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju sollevata mill-konvenuta u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.